KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 327**

**It-Tnejn 24t'Ottubru 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi, 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi fis-7.00 p.m, b'din l-aġenda:

1. Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-aħħar laqgħa;
2. Punti li jirriżultaw mill-minuti tal-aħħar laqgħa;
3. Korrispondenza;
4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku;
5. Approvazzjoni ta' pagamenti;
6. Ħruġ ta' offerti;
7. Proġett ta' l-irziezet u żviluppi oħra ħdejn id-Dar tal-Providenza;
8. Proġetti b'fondi tal-Unjoni Ewropea;
9. Miżuri ta' sigurta' fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi;
10. Miżuri ta' sigurta' fi Triq Dun Manwel Zammit;
11. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju dwar it-tieni kwart tas-sena 2016;
12. Ħwejjeġ oħra; u
13. Aġġornament.

Is-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina ippreseda.

**PREŻENTI**

Is-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsillier, Il-Perit Julian Borg
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sra. Ritienne Giorgino

**TALBA**

Is-Sindku flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-AĦĦAR LAQGĦA**

   Is-Sindku ippropona li l-minuti tal-laqgħa numru 326 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

2. **PUNTI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI TAL-AĦĦAR LAQGĦA**

Kuntratt tal-Bulky Refuse

Is-Sindku qal li l-familjari tal-Kuntrattur m'humiex interessati joffru s-servizz, u qed jitolbu li tiġi xolta l-garanzija bankarja li kienet torbot il-Kuntratt LCS24/15.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa dan is-servizz qed jingħata lill-kuntrattur preċedenti s-Sur Ronald Bezzina bl-istess rata, u sadanittant jibda il-proċess sabiex jinħareġ it-tender.

Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan.

3. **KORRISPONDENZA**

   Ma kien hemm l-ebda korrispondenza.

4. **KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

Is-Sindku preżenta pjanta preparata mill-Perit tal-Kunsill sussegwentement għat-talba mis-sra. M. Azzopardi, residenta fi Triq san Ġakbu għal estensjoni tas-sinjali sofor, peress li qed tallega li għandha diffikulta' biex timmanuvra l-vettura tagħha għal ġol-garaxx.

Is-Sindku qal ukoll li avviċinawh diversi residenti mill-istess triq, li huma kontra l-mod kif inhu mqassam l-ispazzju għall-parkeġġ f'din it-triq minħabba l-problema ta' nuqqas ta' *parking bays* għall-karozzi. Huwa għalhekk propona li l-Perit tal-Kunsill jiltaqa' mas-Sra. Azzopardi fuq il-post sabiex tiġi diskussa l-problema u tinstab l-aħjar soluzzjoni.

5. **APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI**

Id-Deputat Segretarju ppreżentat lill-Kunsill kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Rigward il-pagament tal-manutenzjoni tal-lattrini, is-Sindku qal li ingħataw defaults peress li s-servizz ma kienx qed jingħata b'mod sodisfaċenti.

Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa dwar il-pagament lill-Avukat rigward 'open market'. Is-Sindku spjega li kienet inqalgħet problema dwar l-armar ta' posta fil-Buskett u li kien hemm bżonn tinkiteb ittra legali bi tweġiba għal-oħra li kien irċieva l-Kunsill mingħand is-Sur Philip Borg.

Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jiġu approvati kif ippreżentati.
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

6. **ĦRUĠ TA' OFFERTI**

**Trasport għall-anzjani**

Is-Sindku qal li hemm bżonn tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għat-trasport għall-anzjani sabiex jattendu id-Day Centre. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace għandha tiġbor id-dettalji mingħand il-persuna inkarigata mid-Day centre u tgħaddihom lis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**Xogħol ta' patching**

Is-Sindku qal li peress li l-proċess biex joħroġ tender jieħu fit-tul, u peress li hemm bżonn xogħol urgenti ta' patching, jipproponi li toħroġ sejħa għall-kwotazzjoni ta' xogħolijiet partikolari.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**Ħruġ ta' tenders**

**Ġbir ta' Bulky refuse**
Is-Sindku propona li jibda l-proċess ta' tender għas-Servizz ta' Bulky Refuse.

**Supervisor of Works**
Is-Sindku propona li għalissa ma jibdiex il-proċess għal ħruġ ta' tender tas-servizz ta' Supervisor of works, peress li l-kuntratt eżistenti mhux qed jagħti r-riżultat mixtieq.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**Estensjoni ta' Kuntratti**

Is-Sindku propona li:

Il-Kuntratt **Cleaning of Non Urban Areas LCS 10/14**, li ser jiġi fi tmiem it-tieni sena tiegħu fil-31/12/16, jiġi estiż għat-tielet sena;

Il-Kuntratt **Construction of Pavements LCS4/14**, jiġi estiż għat-tielet sena;

Il-Kuntratt **Planting of Public Spaces LCS31/15**, ser tiskadi l-ewwel sena tiegħu fil-31/12/16, jiġi estiż ghat-tieni sena;

Il-Kuntratt **Street Sweeping LCS23/15**, ser tiskadi l-ewwel sena tiegħu fil-31/12/16, jiġi estiż ghat-tieni sena.

Il-Kunsill qabel unanimament.

7. **Proġett tal-irziezet u żviluppi oħra ħdejn id-Dar tal-Providenza**

Is-Sindku informa li l-Qorti laqgħet l-appell imressaq mill-Kunsill Lokali dwar il-permess

(*outline development permit*) biex jinbnew 12-il razzett tal-baqar viċin id-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi. Fis-sentenza tagħha l-Qorti qalet li d-deċiżjoni li ħa t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kienet żbaljata meta ma kkunsidrax kif suppost l-argumenti li ressaq il-Kunsill Lokali dwar is-sit magħżul mill-Gvern u s-siti alternattivi.

Is-Sindku kompla jgħid li l-outline development permit kien skada fid-9 t'Awissu 2016.

Issa l-proċess irid imur mill-ġdid quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

**8. Proġetti b'fondi tal-Unjoni Ewropea**

Is-Sindku nforma li kien hemm applikazzjoni mill-Meusec, għal proġett b'fondi ewropej, f'postijiet storiċi b'valur kulturali u li jista' jintuża għal skop turistiku.

Is-Sindku qal li ssottometta din l-applikazzjoni għall-proġett fuq żewġ siti: Il-Knisja l-Qadima u ix-xelters.

Huwa qal li diġa kien hemm indikazzjoni pozittiva mill-Kurja għall-Knisja l-Qadima.

Il-proġett jikkonsisti f'sistema ta' dawl u sound, interpretation panels, publikazzjonijiet informattivi promozzjonali, siġġijiet u manikkini biex tinħoloq atmosfera ta' żmien il-gwerra fix-xelters. Is-siti jridu imbgħad ikunu miftuħa għall-pubbliku lokali u turisti mingħajr ħlas.

Il-Kunsill unanimament appova u awtorizza l-ftehim jekk dan il-proġett jiġi approvat.

**9. Miżuri ta' sigurta' fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li l-linja bajda kontinwa li saret jidher li qed tagħti riżultat posittiv. Kompla jgħid li il-proposta għal speedcamera qed tiġi analiżżata mill-ADT u qed nistennew risposta dwar dan. Kien hemm ħafna kummenti pożittivi mir-residenti rigward l-arranġament ta' one way li sar fi Triq Kircher.

**10. Miżuri ta' sigurta' fi Triq Dun Manwel Zammit**

Is-Sindku informa li l-konsulent Bjorn Bonello kien ta lista ta' miżuri li jistgħu jittieħdu fosthom:

Jiżdied id-dawl tul it-triq, titwessa' l-bankina u jiżdiedu xi planters, parking bay għall-vetturi tat-Trasport Pubbliku, barriers, jinbidlu l-ispeed humps b'uħud għola, u jsiru diversi humped zebra crossing tul it-triq.

Wara li l-Kunsill iddiskuta dawn il-miżuri, ikkonkluda li l-iktar waħda fattibbli u li użawha wkoll f'lokalitajiet oħra b'effett hija il-humped zebra crossing.

Is-Sindku propona li tissejjaħ laqgħa mar-residenti u konsulenti ta' Transport Malta fejn jiġu diskussa dawn il-miżuri.

Il-Kunsill qabel unaniment u għandha tiġi mħabbra d-data tal-laqgħa aktar 'il quddiem.

**11. Ħwejjeġ oħra**

a. Il-Kunsillier Clayton Cutajar informa lill-Kunsill li b'koordinament mal-Kap ta' l-Iskola qiegħed jaħdem fi proġett ta' arti u kultura, liema proġett jingħata fondi ta' €5000. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill iridx jidħol f'xi spejjeż. Il-Kunsillier Cutajar wieġeb fin-negattiv.

b. Is-Sindku qal li kien avviċinat mis-Sur Brian Borg, li wera x-xewqa li jagħti donazzjoni bandiera kbira tal-Kunsill sabiex titla' ma' l-arblu li jinsab fi Triq Mons Mikiel Azzopardi.. Huwa talab li l-Kunsill jixtri il-materjal u hu jagħmel ix-xogħol ta' ħjata u tpinġija.
Il-Kunsill qabel li jinxtara l-materjal.

ċ. Il-Vici Sindku qalet li hemm bżonn titwaħħal nappy changer fil-lattrina ta' Nalizpelra Playground u anke fit-toilets taċ-Ċentru Ċiviku.
Il-Kunsill unaimament qabel.

d. Il-Viċi Sindku informat lill-Kunsill bil-parteċipazzjoni fil-European Waste Reduction Week fi żmien il-Milied, b'kollaborazzjoni bejn it-tfal ta' l-iskola u l-anzjani.

e. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li kien avviċinat minn residenti minn Trejqet l-Anġli li qed jilmentaw fuq l-arrangament tal-one-way li sar u tneħħa reċentement. Is-Sindku qal li l-unika soluzzjoni għal dik it-triq hija li tittieħed parti mill-għalqa propjeta' tal-Gvern u titwessa it-triq, pero dan il-proċess jieħu ħafna fit-tul. Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li l-aħjar soluzzjoni għalissa li ssir tabella 'no right turn' lejn Ħaż Zebbuġ.

f. Il-Kunsillier Domnic Grech semma li kellu diversi talbiet:

> għal yellow line fi Drive-in Triq id-Demnuq;
> Ta' Brija u Sqaq il-Qajjied, saru sinjali sofor quddiem garaxxijiet, ir-residenti qed jitolbu li jsir itwal minħabba manuvrar tal-vetturi;
> Biex isiru yellow lines quddiem il-binja The Oaks fi Triq Ramija minn fejn hemm aċċess għal vetturi biex jidħlu ġol-propjeta' privata;
> Biex issir tiswija tal-bankina fi Triq Ramija.

Is-Sindku qal lill-Kunsillier Grech biex jibgħat id-dettalji eżatt fejn qegħdin u ssir spezzjoni biex jiġi stabbilit x'hemm bżonn isir.

Il-Kunsillier Domnic Grech ġibed l-attenzjoni li:
l-Merħba Sign li kien hemm il-Buskett m'għadhiex hemm;
Il-passaġġ pavimentat ħdejn is-Salib ta' l-Għolja hemm bżonn jitnaddaf aktar spiss.
Il-Sindku wieġeb li ser navżaw lill-kuntratturi responsabbli sabiex tittieħed l-azzjoni neċessarja.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li kien avviċinat minn ditta privata li tixtieq tagħti donazzjoni ta' siġar sabiex jitħawlu fil-lokalita'. Huwa talab lill-kunsilliera sabiex jidentifikaw xi sit adattat.

Il-Kunsillier irrefera għall-proġett 'Taqsam il-Muża' u qal li issa hemm bżonn nikkuntattjaw lill-parteċipanti. Is-Sindku għandu jgħaddi id-dettalji lill-Kunsillier Cutajar sabiex il-persuni identifikati jiġu ikkuntattjati.

Il-Kunsillier Cutajar qal li hemm bżonn jitnaddfu il-konok li jinsabu fi Triq it-Tabib Nikola Zammit kantuniera ma' Triq Kirċippu, kif ukoll dawk fil-kantuniera ta' faċċata fejn il-Menelo Pharmacy. Is-Sindku qal li ser jiġi avżat il-kuntrattur sabiex jitnaddfu.

Is-Sindku ressaq l-ilment tar-residenti ta' Sqaq nru. 5 Triq San Ġakbu biex isiru sinjali sofor fil-kantuniera tas-sqaq.

**Kors ta' studju**

Is-Sindku ressaq it-talba tas-Sra. Giorgino, impjegata tal-Kunsill, li wriet ix-xewqa li tibda ssegwi kors ta' Extended Diploma in Management.

Il-Kunsill unanimament qabel li jħallas l-ammont ta' €3,000 sabiex is-Sinj. Giorgino tkun tista' ssegwi dan il-kors bil-kundizzjoni li qabel ikun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment.

**Laqgħa tal-Lokalita'**

Is-Sindku propona li l-laqgħa tal-lokalita' issir fit-30 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm. Il-Kunsill qabel unanimament.

**12. AĠĠORNAMENT**

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fid-9.00pm u ppropona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2016 fis-7.00pm.

Il-Kunsill qabel m'mod unanimu.

**L-Avukat Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sra. Ritienne Giorgino**
**Deputat Segretarju**

Ikkonfermati llum it-Tnejn 28 ta' Novembru 2016